# Bini Storiku f'Marsaxlokk ... (2)

... ikompli mill-aħħar ħarġa

F'din is-sensiela taħt it-titlu "Bini storiku f'Marsaxlokk", konna bdejna naraw flimkien x'bini ta' mportanza nsibu f'Marsaxlokk.

Din is-sensiela hija maqsuma fi tlitt kapitli ewlenin, l-ewwel wieħed dwar il-fortifikazzjonijiet, it-tieni wieħed huwa dak li qed nippubblikaw f'din l-edizzjoni waqt li t-tielet wieħed ser jitratta dwar knejjes u kappelli differenti. Inkomplu mela naraw flimkien x'bini ieħor - apparti l-fortifikazzjonijiet - insibu ġewwa Marsaxlokk ...

## *Kapitlu 2: Bini ta' żminijiet differenti*

### Oqbra Differenti

Fil-lok magħruf bħala l-Marniżi, f'għalqa hekk imsejjħa "il-Bur ta' Għonq il-Ġarra", insibu qabar Puniku. Dan il-qabar kien instab b'kumbinazzjoni minn bidwi fis-7 ta' Novembru 1927. Wara li saru xi tfitxijiet, instab li l-fuħħar kien ittieħed f'għorfa u meta reġa' nstab, dan il-fuħħar ġie mogħti lill-Mużew mill-bidwi stess.

Fis-sena 1959, il-Pulizija ta' Marsaxlokk kienu irrapurtaw li sabu skeletru fil-bajja, mhux wisq il-bogħod mit-Triq tal-Forti San Luċjanu. L-iskeletru kien ta' żagħżugħ. Diversi studji u tfixxijiet wasslu biex ġie identifikat fejn kien midfun dan il-ġisem u għad li nstab vojt, bosta fatturi juru li huwa qabar ta' data Saraċina.

### It-Tempji ta' Ġuno

Fl-istorja ta' pajjiżna, insibu li ir-raħal ta' Marsaxlokk, speċjalment il-port u l-inħawi tiegħu, għandu mportanza kbira, ankè minn żminijiet il-bogħod bħal ngħidu aħna l-Feniċi. Infatti l-port ta' Marsaxlokk kien imsejjaħ b'diversi titli bħall-Port ta' Ġuno u l-Port ta' Erkole fost l-oħrajn.



*Disinn taċ-ċippi misjuba u l-kliem miktub fuqhom*

ikompli f'paġna 73

*ikompli minn paġna 71*

Fl-inħawi ta' Tas-Silġ, fuq din l-istess għolja, instabu żewġ ċippi magħmula minn irħam abjad, f'forma ta' kolonni baxxi u fuq pedestall kwadru li fih kitba mħaffra fl-istess irħam.

Dawna ż-żewġ ċippi kienu swew mitqlu deheb meta nstabu għaliex permezz tagħhom, l-isotriċi kien irnexxielhom jaqraw mill-ġdid il-lingwa Feniċja u il-lingwa Griega (flimkien).

Il-kliem ta' fuq iċ-ċippi jgħid hekk:

"Lis-sinjur tagħna, lil Melqart, mulej ta' Tiro għax waqqaf dan il-monument is-serv tiegħek Abdosir, biex kif jisma' kliemhom iberikhom."
**(Feniċju)**

"Dijonisju u Serapion, tfal ta' Serapion ta' Tiro, lil Erkole Archigetas." **(Grieg)**

Illum f'pajjiżna għandna waħda biss minn dawn iċ-ċippi għaliex waħda minnhom kienet ġiet mogħtija lir-Re ta' Franza Lwiġi XVI, mill-Gran Mastru De Rohan fl-1780 u tinsab merfugħa ġewwa Louvre fi Franza. Kopja ta' dik mogħtija tinsab fejn l-oħra li hija oriġinali.

Għall-bidu ta' Novembru 1963, ġemgħa ta' arkeoloġisti Taljani skavaw f'Tas-Silġ fejn kien maħsub li hu t-Tempju ta' Ġuno. Fil-fatt hekk kien (kif ser naraw aktar 'il quddiem) u f'dawn l-inħawi kienu nstabu bosta fuħħar u oġġetti oħra siewja u mportanti ta' dawn iż-żminijiet. Fl-1966 reġa' beda t-tħaffir u din id-darba kien ġie magħruf ukoll li dawn l-inħawi kien jgħodd mill-pre-isotriku sa l-Għarab.

## Aktar fuq dawn it-tempji

Għall-ħabta tas-sena 218 QK, is-suldati Rumani nvadew il-gżejjer tagħna. Maż-żmien, ir-Rumani żviluppaw il-port kenni ta' Marsaxlokk u tawh l-isem ta' "Portus Herculis" li jfisser "Il-Port ta' Erkole". Naturalment, huma ħadu taħt idejhom ukoll it-tempji ta' Tas-Silġ (li kienu tal-Kartaġiniżi) u ddedikawhom lill-allat tagħhom. U b'hekk dawn it-tempji ħadu l-isem tat-Tempji ta' Ġuno.

Lejn is-sena 365WK imbagħad, waslu f'Malta l-Biżantini li skond l-istorja, dawna taw palata tajba lir-reliġjon nisranija f'Malta mibdija minn San Pawl. Infatti meta l-Biżantini ħadu f'idejhom it-tempji ta' Ġuno, b'sengħa mill-aqwa' bnew bażilika ta' l-insara, li kellha inkluż magħha battisterju mibni fuq barra tal-bażilika.



***Dehra ġenerali tat-Tempji ta' Tas-Silġ qabel ma sar it-tindif kollu tal-ħaxix***

*ikompli f'paġna 75*

*ikompli minn paġna 73*

Ġara iżda li l-għedewwa tal-Biżantini waslu f'Malta wkoll u dawn m'għamlu xejn ħlief farrku, ħarqu u qerdu din il-bażilika flimkien mal-monasteru li kien mibni magħha. U b'hekk ġara li kulma għadna nistgħu ngawdu huma biss fdalijiet u pedamenti ta' żmien fuq ieħor, ta' ħakma fuq oħra, li kollha juru kemm dawn l-inħawi ta' Tas-Silġ intużaw diversi drabi għall-okkult u t-talb ta' diversi reliġjonijiet u ħakmiet.

## Ħal Ġinwi

F'dawn l-inħawi magħrufa bħala ta' Ħal Ġinwi, kien misjub bini neolitiku mill-avukat Dr. A. V. Laferla fl-1914. Hawnhekk ġie misjub ħaġar imfarfar li juri li kien mibni fi żmien il-ħaġar.

Instabu wkoll bċejjeċ ta' kmamar żgħar fuq kull naħa tal-kuritur li kien magħmul minn ħaġar wieqaf.

Il-forma tal-kamra ma kinitx tonda, ħaġa simili għal dan iż-żmien, imma kwadra. Instabu wkoll xi ftit tal-fajjenza li kienu jużaw.

## Thermæ Ruman

Fl-1 ta' Marzu 1932, instabu wkoll għadd ta' blokki tal-ġebel, f'madwar 100 jarda lejn in-nofsinhar tat-Torri Vendome. Wara tfittxija siewja u bl-attenzjoni, kien ġie mikxuf ħajt tas-sejjieħ kif ukoll żewġ qiegħan miksija bil-madum.

Wara li ġie mneħħi 15-il pied trab, ġie misjub fdal ta' hypocaust (ħofra taħt l-art fejn kienet tinġema s-sħana tal-forn sabiex issaħħan id-dar jew inkella l-banju).

Kienu nstabu wkoll 3 muniti tar-ram Rumani, li 2 minnhom ma jinqrawx. Dik li tinqara għandha l-kitba fuqha bil-Grieg "Melitaion". Ftit 'l isfel kellha ras ta' mara (Hera?) tħares lejn il-lemin bil-velu u l-kuruna. Fuq wara tal-munita kien hemm is-siġġu kurali bil-kitba: "C. Arruntanus Balb. Propr."

Flimkien ma' xi sejbiet oħra sirna nafu li l-bini huwa xogħol tat-tieni seklu wara Kristu. Din kienet dar Rumana kompluta bit-thermal baths. Ta' min jgħid li din kienet it-tielet dar Rumana li kellha l-banjijiet tal-misħun, misjuba fil-gżejjer Maltin.

## L-Anterna u l-Loġġa

L-anterna li nsibu f'Marsaxlokk inbniet fuq ras Delimara fl-1853 b'għoli ta' 150 pied. Din kienet it-tieni anterna li saret f'Malta fi żmien il-Gvernatur O'Ferral. L-anterna kienet tagħti dawl aħmar fiss, u li kien jidher minn ħmistax-il mil bogħod. Żmien wara kienu sarulha xi arranġamenti u d-dawl sar idur kull 30 sekonda biex jagħti dawl abjad f'ħin u aħmar f'ħin ieħor.

Il-loġġa, jew inkella kif inhi magħrufa aħjar fostna "L-għajn tal-ħasselin" saret fis-sena 1876 sabiex in-nisa ta' Marsaxlokk ikunu

*ikompli f'paġna 77*

*ikompli minn paġna 75*

jistgħu jaħslu l-ħwejjeġ tagħhom fiha. Dina l-loġġa kienet ġiet tiswa £20.

***ikompli darb'oħra ...***



***L-anterna li tinsab fuq ras Delimara mibnija mill-Gvernatur O'Ferral***

## Għeluq

B'hekk din is-sena tajna ħarsa oħra dwar x'bini storiku għandna (jew kellna maż-żmien) f'Marsaxlokk. J'Alla lkoll kemm aħna nkomplu dejjem iżjed insiru konxji ta' dan kollu, u napprezzaw dejjem iżjed dan il-wirt li ħallew l-antenati tagħna, sew jekk Maltin u sew jekk mhumiex.

Jekk Alla jrid, darb'oħra nkomplu l-aħħar parti ta' din is-sensiela li ser tkun iffukata fuq knejjes, kappelli, niċeċ u statwi fit-toroq li nsibu madwar ir-raħal tagħna. Nisperaw li qedgħin issibu din is-sensiela interessanti u li kull ma tmur dejjem iżżid fil-valur storiku tagħha. Il-festa t-tajba! •

Riferenzi:

Alfie Guillamier, 1972
***Bliet u rħula Maltin***

Joseph Grech, 1997
***Mitt sena parroċċa***

**Taħabel** *Limited*
*Prop. J. Ferriggi*

***Fejn issibu kull tip ta' spag u tajjar għax-xogħol tan-nar***

**St.Catherine, John Borg Str., Żejtun. ŻTN 05**
**Tel. 21673589 • Mob. 99470351 • Fax. 21692894**